# Stqarrija għall-Media

492, Flat 3, St. Joseph High Rd., St. Venera, SVR1014, Malta.
**Tel**: (+356) 21484506 **Fax**: (+356) 21482656 **Email**: info@kdz.org.mt **Website**: www.kdz.org.mt

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Lill:** | Media Kollha | **Attn:** | L-Editur |
| **Minn:** | KDŻ Marketing Team | **Data:** | 27/03/07 |
| **Ref:** | KDŻ 02/07 | **Paġni:** | 2 |

Għażiż Editur,

Qed nibgħatlek dan it-tagħrif għall-informazzjoni tiegħek u għall-pubblikazzjoni. Nixtieq nirringrazzjak bil-quddiem tas-servizz u ta' kull pubbliċita' li tista' tagħtina sabiex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ Maltin li magħhom qegħdin naħdmu.

## Żjara ta` l-Arċisqof fl-Awstralja fl-2008

L-Arċisqof Pawlu Cremona qed jistieden liż-żgħażagħ Maltin biex jingħaqdu miegħu waqt żjara fl-Awstralja fl-Lulju 2008. Din iż-żjara għandha żewġ għanjiet. L-ewwel, li jżur l-emigranti Maltin fl-Awstralja kif diġa` wera x-xewqat tiegħu f'okkażjonijiet oħra. It-tieni, biex jingħaqad maż-żgħażagħ fil-XXIII Jum Dinji taż-Żgħażagħ fil-belt ta' Sydney. Din l-okkażjoni hija oportunita kbira għaż-żgħażagħ Maltin biex jipparteċipaw flimkien ma' żgħażagħ minn madwar id-dinja kollha flimkien mal-Papa Benedittu XVI fiċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ. L-Arċisqof qed jistieden liż-żgħażagħ Maltin li jixtiequ jipparteċipaw, biex jakkumpanjawh f'din il-vista tiegħu kif ukoll matul iċ-ċelebrazzjonijiet.

Il-koordinament ta' din il-mawra qiegħdin jieħdu ħsiebha l-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ (KDŻ) u l-Kummissjoni Emigranti. Il-KDŻ diġa` għamlet xi arranġamenti mal-Bank APS u l-linja ta` l-arju Emirates biex jagħmlu din il-mawra fl-Awstralja possibbli għal numru sabiħ ta` żgħażagħ. Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ se jsiru f'Sydney. Minkejja dan, saru kuntatti ma' komunitajiet Maltin f'Melbourne u Sydney billi l-mawra fl-Awstralja ser tkun imtawla biex il-pellegrini Maltin ikollhom ċans iduru ż-żewġt ibliet. Kemm f'Sydney u Melbourne, iż-żgħażagħ se joqgħodu għand familji Maltin. Din se tkun okkażjoni fejn dawn il-familji, flimkien mal-pellegrini żgħażagħ, jorganizzaw attivitajiet flimkien.

Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ jikkonsistu f'pellegrinaġġ ta' fidi u festa ta' enerġija u solidarjeta'. L-istedina tal-Papa hija ndirizzata liż-

żgħażagħ mad-dinja kollha kemm insara u kemm dawk li mhumiex biex ilkoll jingħaqdu miegħu f'Sydney. Fiċ-ċelebrazzjoniet tal-2005 li saru f'Kolonja, l-Ġermanja, 600 żgħażagħ Maltin u Għawdxin ħadu sehem fost il-mijiet ta' eluf oħra. Il-KDŻ tinkoraġġixxi ż-żgħażagħ biex jerġgħu iwieġbu għall-istedina tal-Papa u jmorru l-Awstralja fis-sena 2008.

Il-mixja ta' preparazzjoni għall-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2008 ser tibda bl-attivitajiet tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ 2007 nhar is-Sibt 31 ta' Marzu.

Għal aktar tagħrif jew biex tabbona f'gazzetta elettrontika li toħrog kull xahar dwar il-Jum Dinji taż-Żgħażagħ żur is-sit tal-KDŻ www.kdz.org.mt.

TMIEM■■■■